B'digriet mogħti, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-14 ta' Ottubru, 2016, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Unger Manfred vs Ashur Adel et, rikors numru 732/12 AE, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Adel Ashur, Eurasia Holding International Limited, AKM Investments Holdings Limited, Euromed Investments Limited u AKA Investment Holdings Limited, a tenur tal-Artikolu 187(3) et. seq. tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, ippreżentat, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Ċitazzjoni Numru 732/12 AE, Deċiża l-15 ta' Diċembru, 2014, Manfred Unger vs Adel Ashur, Eurasia Holding International Limited, AKM Investments Holdings Limited, Euromed Investments Limited u AKA Investment Holdings Limited, fit-22 ta' Settembru, 2016, ir-rikorrenti Avukat Dr Abigail Critien (KI 64682M) fil-vesti tagħha bħala kuratriċi għall-eventwali kontumaċi esponiet bir-rispett;

Illi permezz tar-rikors ġuramentat promotur tiegħu, Manfred Unger talab (fost talbiet oħra) lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex jersqu għall-pubblikazzjoni tal-att finali ta' bejgħ u trasferiment tal-azzjonijiet kollha hekk kif deskritt fl-iskrittura hawn fuq imsemmija;

By means of a decree given, by the Civil Court First Hall, on the 14th October, 2016, in the records of the Sworn Application, in the names Unger Manfred vs Ashur Adel et, application number 732/12 AE, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondents Adel Ashur, Eurasia Holding International limited, AKM Investments Holdings Limited, Euromed Investments Limited and AKA Investment Holdings Limited, in terms of Article 187(3) et. seq. of Cap. 12.

By means of a Sworn Application, filed, in the First Hall Civil Court, Writ of Summons Number 732/12 AE, Decided 15th December, 2014, Manfred Unger vs Adel Ashur, Eurasia Holding International Limited, AKM Investments Holdings Limited, Euromed Investments Limited u AKA Investment Holdings Limited, on the 22nd September, 2016, the applicant Advocate Dr Abigail Critien (ID 64682M) in her capacity of curator for the eventual defaulters respectfully pleaded;

That by means of the original sworn application, Manfred Unger asked (amongst other demands) this Honourable Court so that:

1. It condemns the defendants to come forward to the publication of the final deed of sale and transfer of all the shares as described in the writing above mentioned;

2. Tinnomina lin-Nutar Dr Peter Fleri Soler, jew kwalunkwe persuna oħra nominata minn din l-Onorabbli Qorti, sabiex jikkonkludu u jippubblikaw id-dokumenti kollha neċessarji rigward dan it-trasferiment;

Illi *ai ternmini* tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti, datata l-15 ta' Diċembru 2014, it-talbiet tar-rikorrent Manfred Unger ġew milqugħa b'dan li l-Avukat rikorrenti ġiet nominata bħala kuratriċi sabiex tidher għall-eventwali kontumaċi;

Illi l-kuntratt ta' trasferiment relattiv ġie ppubblikat nhar l-14 ta' Lulju 2016 (Dok A) b'dan li r-rikorrenti dehret għall-intimati kollha u cjoè Adel Ashur, Eurasia Holding International Limited, AKM Investments Holdings Limited, Euromed Investments Limited u AKA Investment Holdings Limited, kif wara kollox jirriżulta mill-istess kuntratt anness stante li ħadd minnhom ma deher minkejja li d-data għall-pubblikazzjoni tal-istess kienet ġiet miftiehma b'mod konġuntiv bejn l-avukati rispettivi tal-partijiet u n-Nutar Dr Peter Fleri Soler li ppubblika l-istess kuntratt;

Illi mal-pubblikazzjoni tal-imsemmi kuntratt l-Avukat rikorrenti ffirmat ukoll is-segwenti dokumenti li kienu ppreżentati lilha min-Nutar li ppubblika l-att;

1. *'Share Transfer Form in respect of Euromed Investments Limited'*.

2. Ittra mibgħuta lil Trident Trust Company (BV1) Limited li l-Avukat rikorrenti ffirmat għan-nom ta' Adel Ashour.

3. *Revocation of Power of Attorney of Euromed Investments Limited*.

4. *Resolution of the sole director of Euromed Investments Limited'*.

5. *Resolution of the sole director of Eurasia Holdings International Limited*.

6. *Resignation from the office of sole director of Euromed Investments Limited*.

7. *Resignation from the office of secretary of Euromed Investments Limited and declaration that there's no claim against Euromed Investments Limited*.

8. *Resolution of the sole director of Euromed Investments Limited*.

2. Appoint Notary Dr Peter Fleri Soler, or any other person appointed by this Honourable Court, to conclude and publish all the necessary documents regard this transfer;

That in terms of the judgement of this Honourable Court dated 15th December 2014, the demands of the applicant Manfred Unger were upheld and the applicant lawyer was appointed as curator to appear for the eventual defaulters;

That the relative contract of transfer was published on the 14 th July 2016 (Doc A) in such a manner that the applicant appeared for all the respondents and namely Adel Ashur, Eurasia Holding International limited, AKM Investments Holdings Limited, Euromed Investments Limited and AKA Investment Holdings Limited, as after all results from the same contract annexed since none of them appeared despite the date of publication of the same was agreed jointly between the respective lawyers of the parties and Notary Dr Peter Fler Soler who published the same contract;

That on the publication of the said contract the applicant lawyer also signed the following documents which were presented to her by the Notary who published the deed;

1. 'Share Transfer Form in respect of Euromed Investments Limited'.

2. A Letter sent to Trident Trust Company (BV1) Limited which the applicant lawyer signed on behalf of Adel Ashour.

3. Revocation of Power of Attorney of Euromed Investments Limited.

4. Resolution of the sole director of Euromed Investments Limited.

5. Resolution of the sole director of Eurasia Holdings International Limited.

6. Resignation from the office of sole director of Euromed Investments Limited.

7. Resignation from the office of secretary of Euromed Investments Limited and declaration that there's no claim against Euromed Investments Limited.

8. Resolution of the sole director of Euromed Investments Limited.

Illi l-Avukat rikorrenti ffirmat tali dokumenti abbażi tas-segwenti:

a) Li t-tieni talba tar-rikors promotur fl-ismijiet premessi li kienet tgħid 'Tinnomina lin-Nutar Dr Peter Fleri Soler jew kwalunkwe persuna oħra nominata minn din l-Onorabbli Qorti sabiex jikkonkludu u jippubblikaw id-dokumenti kollha neċessarji rigward dan it-trasferiment' ġiet milqugħa minn din l-Onorabbli Qorti permezz tas-sentenza fl-ismijiet premessi. Tali talba (li ġiet milqugħa) ġiet interpretata li tinkludi d-dokumenti hawn fuq imsemmija u li ġew iffirmati stante li kienu mniżżla bħala dokumenti li l-intimati fl-ismijiet premessi kellhom jagħtu mat-traferiment;

b) Li tali dokumenti kienu kondizzjonijiet naxxenti mill-konvenju bejn il-partijiet fl-ismijiet premessi (ara klawsola numru 7 tal-istess konvenju hawn anness u mmarkat bħala Dok. J hawn anness).

ċ) Li l-persuni li kienu kontumaċi ma setgħux jeskuldu kundizzjonijiet u obbligazzjonijiet kontrattati fil-konvenju meta kienu msejħa jeseġwixxu t-trasferiment u għalhekk kien isegwi wkoll li l-esponenti fil-vesti tagħha premessa lanqas setgħet hi teskludihom. It-trasferiment in kwistjoni kellu jsir abbażi tal-konvenju bejn il-partijet li kien jorbot;

Illi jirriżulta issa li l-intimati jew min minnhom qed jikkontendi li l-esponenti rikorrenti ma kellhiex l-awtorità li tiffirma d-dokumenti msemmija u qed jitolbuha tirtira/tirrexxindi tali dokumenti;

Illi dawn l-intimati qed jikkontendu li d-diċitura tas-sentenza tħalli dubju dwar jekk l-esponenti kinitx inkarigata li tirrappreżenta lill-kontumaċi wkoll fuq dokumenti li huma annessi mal-preżenti rikors;

Għalhekk, in vista ta' dak su espost u sabiex il-partijiet kollha u l-esponenti stess ikunu jistgħu jidderieġu ruħhom aħjar, l-Avukat rikorrenti qiegħda umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-esponenti fil-vesti tagħha ta' kuratriċi għall-kontumaċi espletat l-inkarigu mogħti lilha fl-intier tiegħu bl-esekuzzjoni tad-dokumenti hawn annessi u mmarkati minn Dok. A sa Dok. 1 u ffirmat tali dokumenti bl-Awtorità mogħtija lilha bis-sentenza *de quo*, jew fin-nuqqas tordna ossija tawtorizza lill-istess Avukat rikorrenti sabiex tirtira u/jew tirrexxindi kwalunkwe dokument iffirmat minnha skont kif tidderieġi din l-Onorabbli Qorti u dan taħt kwalunkwe direzzjoni li tista' tagħti din l-Onorabbli Qorti biex dan isir.

That the Applicant lawyer signed such documents on the basis of the following:

a) That the second demand of the original application premised which stated that ' Appoints Notary DrPeter Fleri Soler or any other person appointed by this Honourable Court to conclude and publish all the necessary documents regarding this transfer was upheld by this Honourable Court by means of a judgement in the names premised . Such demand (which was upheld) was interpreted to include the documents above mentioned and which were signed since they were listed as documents which the respondents in the names premised h had to be pass with the transfer;

b) That such documents were conditions resulting from the preliminary agreement between the parties in the sames premised (see clause number 7 of the same preliminary agreement hereby annexed and marked as Doc. J hereby annexed).

c) That the persons who were in default could not exclude conditions and obligations contracted in the preliminary agreement when they were called to execute the transfer and thus it also followed that the interpellant in her capacity premised could not exclude them. The transfer in question had to be made on the basis of the preliminary agreement between the parties which was binding;

That it results now that the respondents or either of whom are contending that the interpellant applicant did not have the authority to sign the document mentioned and they are asking her to withdraw/rescind such documents;

That these respondents are contending that the wording of the judgement leaves doubt as to whether the interpellant was appointed to represent the defaulters also on the documents which are attached with the present application;

Thus .in view of the above and in order that all the parties and the interpellants themselves can regulate themselves better, the applicant lawyer is humbly asking this Honourable Court to declare that the interpellant in her capacity of curator of the defaulters carried out the brief given to her in its entirety with the execution of the documents herein annexed and marked from Doc. A to Doc. 1 and signed such documents in virtue of the authority given to her by the judgement de quo , or in default order or authorise the same applicant lawyer to withdraw and/or secind any document signed by her as directed by this Honourable Court and this under any direction which this Honourable Court can give so that this be made.

Qorti Ċivili Prim'Awla

Imħallef Anthony Ellul

Rikors numru 732/2012

Manfred Unger

vs

Adel Ashur et

It-28 ta' Settembru, 2016

Il-Qorti,

Rat ir-rikors li ppreżentat Dr Abigail Critien (22.9.2016)

Tordna n-notifika lill-partijiet interessati sabiex iwieġbu fi żmien sebat (7) ijiem jew dakinhar tas-smigħ

Tappunta r-rikors għas-smigħ għas-seduta tal-Ġimgħa, l-14 ta' Ottubru, 2017, jissejjaħ fl-10.45 a.m.

Ir-rikorrent għandha tiżgura li dawk interssati jiġu notifikati,

Permezz ta' Avviż għas-smigħ ta' kawża li ħareġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri, l-Erbgħa, 28 ta' Settembru, 2016, il-kawża Rikors Numru 732/12 AE fl-ismijiet Unger Manfred vs Ashur Adel, ġiet imqiegħda fil-lista tal-kawżi li għandhom jinstemgħu l-Ġimgħa, l-14 ta' Ottubru, 2016, fl-10.45 a.m. u differita għas-6 ta' Diċembru, 2016, fis-1.00 p.m.

Rikors 732/12 AE

Unger Manfred vs Ashur Adel et

Illum il-Gimgħa, l-14 ta' Ottubru, 2016.

Meta ssejjaħ ir-rikors dehru l-Av. Josette Sultana għal Manfred Unger, l-Av. Abigail Critien assistata mill-Av. Aaron Mifsud Bonnici, deher ukoll l-Av. Matthew Brincat li ddikjara li mill-atti ma rriżultax li l-klijenti tiegħu ġew notifikati u ddikjara li hu mhux se jkun qiegħed jirċievi notifiki ta' atti ġudizzjarji indirizzati lill-klijenti tiegħu. Fiċ-ċirkostanzi r-rikorrenti għandha tieħu ħsieb li jsiru notifiki skont il-liġi.

Civil Court First Hall

Mr Justice Anthony Ellul

Application Number 732/2012

Manfred Unger

vs

Adel Ashur et

28th September, 2016

The Court,

Saw the application presented by Dr Abigail Critien (22.9. 2016)

Orders that the parties interested be notified in order to reply within seven (7) days or on the day of the hearing

Appointed the application for hearing for the sitting of Friday 14th October, 2017, to be called at 10.45 a.m.

The applicant is to ensure that those interested be notified,

By means of a Notice of hearing of a cause issued by the Registry Superior Courts, on Wednesday 28th September, 2016, the cause Application Number 732/12 AE, in the names Unger Manfred vs Ashur Adel, was entered in the list of causes which are to be heard on Friday, 14th October, 2016, at 10.45 a.m. and deferred to the 6th December, 2016, at 1.00 p.m.

Application 732/12 AE

Unger Manfred vs Ashur Adel et

Today Friday, 14th October, 2016

When the application was called there appeared Adv. Josette Sultana for Manfred Unger, Adv. Abigail Critien, assisted by Adv.Aaron Mifsud Bonnici, there also appeared Adv. Matthew Brincat who declared that from the records it does not result that his clients were notified and declared that he shall not be recieving service of judicial acts addressed to his clients. In the circumstances the applicant is take care to see that the services according to law are made.

Il-Qorti qiegħda minn issa tawtorizza li n-notifika ssir skont l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12. Ir-rikorrenti għandha tiżgura li sas-seduta li jmiss ikunu saru tali notifiki.

Ir-rikors differit għat-trattazzjoni għas-seduta tas-6 ta' Diċembru, 2016, fis-1.00 p.m.

Notifiki:

1. Adel Ashur, 43/1 Triq Sant'Antnin, Tas-Sliema

2. Eurasia Holding International Limited, 43, St Anthony Apartments, Triq Sant'Antnin, Tas-Sliema

3. AKM Investments Holdings Limited, 4, Level 5, The Quay, Portomaso Marina, Portomaso, San Ġiljan

4. Euromed Investments Limited, 43/1, Triq Sant'Antnin, Tas-Sliema.

5. AKA Investment Holdings Limited, c/o Dr Andrew C. Ganado (*liquidator*) 99, Flat 9, Royal Court, Triq il-Kbira, Tas-Sliema.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum is-16 ta' Novembru, 2016.

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The Court is from now authorising that service be made according to Article 187(3) of Cap. 12. The applicant is to ensure that till the following sitting such services are made.

The application was deferred for pleading to the sitting of the 6th December, 2016, at 1.00 p.m.

Services:

1. Adel Ashur, 43/1, St Anthony Street, Tas-Sliema

2. Eurasia Holding International Limited, 43, St Anthony Apartments, St Anthony Street,, Tas-Sliema

3. AKM Investments Holdings Limited, 4, Level 5,The Quay, Portomaso Marina, Portomaso, St Julian's

4. Euromed Investments Limited, 43/1, St Anthony Street, Tas-Sliema.

5. AKA Investment Holdings Limited, c/o Dr Andrew C. Ganado, (liquidator) 99, Flat 9, Royal Court, High Street, Tas-Sliema.

Registry of the Superior Courts, today 16th November, 2016.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1678

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fil-21 ta' Ottubru, 2016, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt sabiex għal kull fini u effett tal-ligi jservi ta' notifika skont l-artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u dan fil-konfront ta' Carmen u Joseph Pavia (KI 257261M u 411559M rispettivament) u John u Carol Briffa (KI 748755M u 77160M rispettivament).

B'digriet tal-20 ta' Settembru, 2016, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-artikolu 338(1) tal-Kodici tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12)

Illi b'rikors u ċedola ta' kompensazzjoni kontestwalment ippreżentati minn Bella Claudia Nicoletta Cassar (KI 13380A) fid-19 ta' Settembru, 2016, qed tintalab tpaċija

It is hereby notified that by a decree dated the 21st of October, 2016, the Court of Magistrates (Gozo) in its Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced hereunder for the purpose of service in terms of section 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure, and this with regard to Carmen u Joseph Pavia (ID 257261M u 411559M respectively) u John u Carol Briffa (ID 748755M u 77160M respectively).

By a decree of the 20th September, 2016, given by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdicition, General Section, the Court orders that the hereunder the extract be published for the purpose of service according to article 338(1) of the Code of Organization and Procedure (Cap. 12)

Whereas by an application and a concurrent schedule of set-off filed by Bella Claudia Nicoletta Cassar (ID 13380A) on the 19th September, 2016, the approval of the said set-

tal-ammont ta' €156,000, prezz minnha offert fil-bejgħ bl-irkant numru 40/2012 fl-ismijiet 'Lombard Bank Malta plc vs Cassar Weaving Limited et', miżmum taħt l-awtorità ta' din il-Qorti fit-12 ta' Settembru, 2016.

off is being demanded for the amount of €156,000, and this subsequent to the judicial sale by auction number 40/2012 in the names of Lombard Bank Malta plc vs Cassar Weaving Limited et, held under the authority of the said Court on the 12th September, 2016.

Skont artikolu 338 (2) tal-Kapitlu 12: Kull min jista' jkollu interess u l-persuni hekk notifikati għandhom żmien għoxrin ġurnata biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw bid-dettall ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħhom u s-somom kontestati; u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejsa fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom, flimkien mar-risposta, jippreżentaw kull prova relevanti sabiex jissostanzjaw l-oppożizzjoni tagħhom.

According to article 338 (2) of Cap. 12: Any person who may have an interest and the persons so served shall be allowed the time of twenty days to file an answer stating in detail the reasons for their opposition and the amounts in contestation; and where such opposition is based on a claim against the proceeds of sale an alleged cause of preference, they are to state the amount of such claim and the basis for the preference. Such persons shall with the answer file all relevant evidence to substantiate their opposition.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Għawdex),
Guriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali,
Illum is-16 ta' Novembru, 2016.

DANIEL SACCO
Għar-Reġstratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Registry of the Courts of Magistrate (Gozo),
Superior Jurisdiction, General Section,
This 16th of November, 2016.

DANIEL SACCO
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1679

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-8 ta' Novembru, 2016, u dan wara Rikors b'Numru 153/2016, Ordnat:

It is hereby notified in virtue of the powers conferred on it by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 8th of November, 2016, and this after a written plea Numbered 153/2016, Ordered:

Il-korrezzjoni fl-Att ta' Twelid ta' Aaron Mangion, li jġib in-numru 3628 tas-sena 2011, billi fil-kolonna intestata 'Tagħrif dwar it-tarbija – Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa', wara l-kunjom tal-minuri 'Mangion', jiżdied il-kunjom ta' xbubit l-omm 'Smith'.

The correction of the Act of Birth of Aaron Mangion, bearing number 3628 of the year 2011, under the column entitled 'Particulars respecting the child – Name or names by which the child is to be called', the mother's maiden surname 'Smith' is to be inserted following the minor's surname 'Mangion'.

Reġistru tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili,
Illum, l-Erbgħa s-16 ta' Novembru, 2016.

JANET CALLEJA
Għar-Reġistratur, Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutari

Registry of the Court of Revision of Notarial Acts,
Today, Wednesday 16th November, 2016

JANET CALLEJA
F/Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1680

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-8 ta' Novembru, 2016, u dan wara Rikors b'Numru 152/16, Ordnat:

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred on it by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 8th day of November, 2016, and this after a written plea Numbered 152/16, Ordered:

Il-korrezzjoni fl-Att tal-Mewt ta' Maria Paola Buttigieg, li jġib in-numru 131 tas-sena 2016, billi fil-kolonna intestata: "Tagħrif dwar il-persuna mejta – isem u kunjom il-ġenituri, jekk ħajjin jew mejtin", jiġi kkanċellat l-isem żbaljat: 'Margherita' u jidħol minfloku l-isem korrett: 'Maria'.

Reġistru tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili
Illum, l-Erbgħa s-16 ta' Novembru, 2016.

JANET CALLEJA
Għar-Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

The correction of the Act of Death of Maria Paola Buttigieg, bearing number 131 of the year 2016, in the column entitled "Particulars respecting the deceased - Name and Surname of parents, and whether living or dead", the incorrect name: 'Margherita' is to be cancelled and substituted with the correct name: 'Maria'.

Registry of the Court of Revision of Notarial Acts
Today, Wednesday 16th November, 2016.

JANET CALLEJA
F/ Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1681

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fl-4 ta' Novembru, 2016, fuq rikors ta' Banif Bank Malta plc (C 41030) ġie iffissat il-jum tat-Tlieta, l-14 ta' Frar, 2017, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir fl-Ewwel Sular, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt.

Mezzanin fuq tliet sulari bin-numru wieħed u tletin (31) fiTriq Atanasio Cuschieri ġja Triq Borg il-Ġdida, Birkirkara. Il-proprjetà hija libera u franka stmata li tiswa mija u sittin elf ewro (€160,000).

Appartament internament immarkat bin-numru tnax (12) formanti parti mill-blokka bl-isem 'St Mary Flats' fi Triq Andrew Cunningham, il-Qawra, San Pawl il-Baħar. Il-proprjetà hija libera u franka stmata li tiswa ħamsa u sittin elf ewro (€65,000).

Terraced house bl-isem ta' 'Aisha', fi Triq Caravaggio, Ħal Għargħur. Il-proprjetà hija libera u franka stmata li tiswa erba' mija u ħamsin elf ewro (€450,000).

Semi detached villa bl-isem ta' 'Nem', u bin-numru tnejn (2), flimkien mal-garaxx sottostanti fi Triq il-Lbiċ, il-Madliena. Il- propjeta hija libera u franka stmata li tiswa disa mitt elf ewro (€900,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Entertainments Ltd et.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-Atti tas-Subbasta 38/2015.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, il-15 ta' Novembru, 2016.

RUDOLPH MARMARÁ
Għar- Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 4th November, 2016, on the application of Banif Bank Malta plc (C 41030), Tuesday, 14 the February, 2017, at half past ten in the morning(10.30 a.m.) has been fixed for the sale by auction, to be held on the First Floor, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property.

Tenement on three floors numbered thirty one (31) in Triq Atanasio Cuschieri previously known as Triq Borg il-Ġdida, Birkirkara. The property is free and unencumbered valued at one hundred and sixty thousand euro (€160,000).

Appartment internally marked number twelve (12) forming part of a Block named 'St Mary Flats' in Triq Andrew Cunningham, Qawra, St Paul's Bay. The property is free and unencumbered valued at sixty five thousand euros (€65,000).

Terraced house named 'Aisha', in Triq Caravaggio, Ħal Għargħur. The property is free and unencumbered valued at four hundred and fifty thousand euro (€450,000).

Semi detached villa named 'Nem', numbered two (2), includind an underlaying garage in Triq il- Lbiċ, Madliena. The property is free and unencumbered valued at nine hundred thousand euro (€900,000).

The said tenement is the property of Entertainments Ltd et.

N.B. The said tenement will be sold as described in the Judicial File Act 38/2015.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 15th November, 2016.

RUDOLPH MARMARÁ
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1682

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti, fid-9 ta' Settembru, 2016, fuq talba tal-Avukat Dr Luigi A. Sansone noe, ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil North Africa Shipping, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 779/2016 MCH, fl-ismijiet Avukat Dr Luigi Sansone noe vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, ippreżentat, fil-Prim'Awla tal-Qorti, fl-ismijiet Avukat Dr Luigi A. Sansone LLB. (Hons) LLD (detentur tal-karta tal-identità numru 258269 ittra(M) bħala mandatarju speċjali ta' Johnson & Johnson, soċjetà estera inkorporata fl-Istat ta' New Jersey fl-Istati Uniti tal-Amerika u b'indirizz ta' One Johnson & Johnson Plaza, New Brunswick New Jersey, Stati Uniti tal-Amerika, vs 1) kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil North Africa Shipping, entità estera, b'indikazzjoni ta' indirizz ta' 'PO Box 28086 Dubai UAE' fl-Emirati Għarab Magħquda u 2) kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil AL Ryada Maritime Agency, entità estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' Ist FLR, Alta, Alshohda Sqr, Tobruk, Libya, fil-Libja, fil-5 ta' Settembru, 2016, ir-rikorrenti Avukat Dr Luigi A. Sansone LLB (Hons) LLD, detentur tal-karta tal-identità 258269 ittra 'M' bħala mandatarju speċjali ta' Johnson & Johnson, soċjetà estera nkorporata fl-Istat ta' New Jersey, fl-Istati Uniti tal-Amerika u b'indirizz ta' One Johnson & Johnson Plaza, New Brunswick, New Jersey, Stati Unti tal-Amerika, ir-rikorrenti nomine umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti;

1. Tiddikjara li d-dħul mingħajr rilaxx għal ċirkolazzjoni libera f'Malta, fil-kors ta' kummerċ bejn il-konvenuti f'kwantità ta' prodotti kosmetiċi (*gels*) li kollha għandhom fuqhom diversi *trademarks* 'Clean & Clear' identiċi għal jew li ma jistgħux jintgħarfu minn dawk tas-soċjetà attriċi debitament irreġistrati inter alia dwar prodotti kosmetiċi bħala European Union *trademarks* (EU *trademarks*) bin-numri 005469697 u 008987091, liema oġġetti kollha jinsabu preżentement miżmuma taħt l-Awtorità tad-Direttur Ġenerali (Dwana) wara li huwa kien sab li l-*container* 'ECMU2219422'li kien jikkontjenihom, jikkontravvieni

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Court Marshall

By means of a decree given by this Court, on the 9th September, 2016, following a request of Advocate Doctor Luigi A. Sansone noe , it was ordered that deputy curators be chosen to represent North Africa Shipping, in the records of the application 779/2016 MCH, in the names Advocate Dr Luigi Sansone vs Deputy Curators and in the relative and subsequent acts.

By means of a Sworn Application, filed, in the First Hall Civil Court, in the names Advocate Doctor Luigi A. Sansone LLB (Hons) LLD (holder of identity card number 258269 letter (M) as special mandatary of Johnson & Johnson, a foreign company incoporated in the state of New Jersey in the United States of America with the address of One Johnson & Johnson Plaza, New Brunswick New Jersey, United States of America vs 1) deputy curators to represent North Africa Shipping, a foreign entity with an indication of address of 'PO Box 28086 Dubai UAE' in the United Arab Emirates and 2) deputy curators to represent AL Ryada Maritime Agency, a foreign entity with an indication of address of 1St FLR, Alta Alshohda Sqr, Tobruk, Libya, in Libya, on the 5th September, 2016, the applicant Advocate Doctor Luigi A. Sansone LLB (Hons) LLD, holder of identity card 258269 letter 'M'as special mandatary of Johnson & Johnson, a foreign company incoporated in the state of New Jersey, in the United States of America with the address of One Johnson & Johnson Plaza, New Brunswick, New Jersey, United States of America, the applicant nomine humbly prays this Honourable Court;

1. To declare that the entry without release for free circulation in Malta, in the course of commerce between the defendants in a quantity of cosmetic products (gels) which all have on them various trademarks 'Clean & Clear' identical to or which cannot be distinguished from those of the plaintiff company duly registered inter alia as regards cosmetic products as European Union trademarks (EU trademarks) with numbers 005469697 u 008987091, which objects are all presently held under the Authority of the Director General (Customs) after he found that the container 'ECMU2219422' which contained them, contravenes the

d-drittijiet ta' proprejtà intellettwali tas-soċjetà rikorrenti fir-rigward tat-*trademarks* hawn imsemmija;

2. Tiddikjara li l-istess oġġetti u cjoè il-kwantità ta' prodotti kosmetiċi (*gels*) li kollha għandhom fuqhom diversi *trademarks* 'Clean & Clear' identiċi għal jew li ma jistgħux jintgħarfu minn dawk tas-soċjetà attriċi debitament irreġistrati dwar prodotti kosmetiċi bħala European Union *trademarks* (EU *trademarks*) bin-numri hawn fuq imsemmija huma oġġetti falsifikati;

3. Tordna lid-Direttur Ġenerali (Dwana) li jiddistruġġi dawk l-oġġetti fi żmien qasir u perentorju mingħajr ebda kumpens lill-konvenuti u a spejjeż tagħhom;

4. Tieħu jew tordna lid-Direttur Ġenerali (Dwana) li jieħu dwar dawk l-oġġetti kull miżura oħra li biha huma jitneħħew definittivament miċ-ċirkolazzjoni fis-sistemi eżistenti tal-kummerċ u l-konvenuti jiġu mċaħħda mill-benefiċċji ekonomiċi tat-tranżazzjoni;

5. Torda li l-konvenuti għandhom ibatu l-ispejjeż l-oħra kollha konnessi mal-miżuri ordnati *ai termini* tat-tielet u r-raba' talbiet attriċi, u l-ispejjeż l-oħra kollha f'din il-ħames talba, fosthom l-ispejjeż għat-tneħħija tal-iskart iġġenerat mid-distruzzjoni.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti inġunti għas-subizzjoni.

Elenku ta' Dokumenti

Notifiki tal-Konvenuti:

1. Kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil North Africa Shipping, entità estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' 'P.O. Box 28086, Dubai UAE' fl-Emirati Għarab Magħquda.

Il-Qorti, il-Belt Valletta (żewġ kopji) u

2. Kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil AL Ryada Maritime Agency, entità estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' 'Ist Flr, Alta Alshohda Sqr, Tobruk, Libya, fil-Libja'

Il-Qorti, il-Belt Valletta (żewġ kopji).

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

rights of intellectual property of the applicant company as regards the trademarks herein mentioned;

2. Delare that the same objects and namely the quantity of cosmetic products (gels) which all have on them various trademarks 'Clean & Clear' identical to or which cannot be distinguished from those of the plaintiff company duly registered regarding cosmetic products as European Union trademarks (EU trademarks) with the numbers above mentioned are falsified objects;

3. Order the Director General (Customs) to destroy those objects within a short and peremptory period without any compensation to the defendantrs and at their compensation;

4. To take or order the Director General (Customs) to take as regards those objects any other measure in virtue of which they be definitely removed from circulation in the existing systems of commerce and the defendants be deprived of the economic benefits of the transation;

5. Order that the defendants are to bear all the other expnses in connection with the measures ordered in terms of the third and fourth demands of the plaintiffs and all the other costs mentioned in this fifth demand, amongst which the costs for the removal of the waste generated by the destruction.

With costs against the defendants summoned so that a reference to their evidence be made.

List of Documents

Services of the Defendants.

1. Deputy curators to represent North Africa Shipping, a foreign entity with the indication of address of 'P.O. Box 28086, Dubai UAE, in the United Arab Emirates.

Courts of Justice, Valletta (two copies) and

2. Deputy curators to represent AL Ryada Maritime Agency, a foreign entity with an indication of address of 'Ist Flr, Alta Alshohda Sqr, Tobruk, Libya, in Libya.

Court of Justice, Valletta (two copies).

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Noel Cuschieri, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum id-9 ta' Settembru, 2016.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum is-16 ta' Novembru, 2016.

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of this bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall,above mentioned,with the witness of the Hon. Mr Justice Noel Cuschieri, LLD, Doctor of Laws.

Today 9th September, 2016.

Registry of the Superior Courts, today 16th November, 2016

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1683

Billi Francine Said bħala mandatarja specifika ta' Antonia Mary magħrufa bħala Mary Allison ippreżentat rikors ġuramentat numru 100/2016 (JVC) fl-ismijiet 'Francine Said noe vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex' fejn talbet il-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid ta' Antonia Mary Victoria Vella li jġib in-numru seba' mija u sitta tas-sena elf disgħa mija u erbgħa u ħamsin (706/1954).

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati, fi żmien ħmistax-il (15) ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja hawn imsemmija bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurżidizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali,

Illum is-16 ta' Novembru, 2016.

MAUREEN XUEREB
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Whereas Francine Said on behalf of Antonia Mary known as Mary Allison filed a writ of summons no. 100/2016 (JVC) in the names 'Francine Said noe vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku ghal Għawdex' demading corrections in the Act of Birth of Antonia Mary Victoria Vella bearing number seven hundred and six of the year one thousand nine hundred and fifty four (706/1954).

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen (15) days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified, by the service of a copy of the said writ of summons, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

Registry of the Courts of Magistrates (Gozo) Superior Matter,

This 16th November, 2016.

MAUREEN XUEREB
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1684

Avviż mir-Reġistru Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja)

Billi r-rikorrenti Joseph Scicluna (KI 528578M) ippreżenta rikors ġuramentat (Nru. 239/16 AL) fejn talab il-Korrezzjoni tal-Att tat-Twelid tal-minuri Liam Scicluna bin-numru 3492/2013 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum is-16 ta' Novembru, 2016.

RITA MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notice, Registry Of The Civil Court (Family Section)

Whereas the plaintiff Joseph Scicluna (ID 528578M) filed an application under oath (No. 239/16 AL) demanding Corrections in the Act of Birth of the minor Liam Scicluna number 3492/2013 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court

Registry of the Superior Court, this 16th November, 2016.

RITA MANGION
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1685

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-12 ta' April 2016, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Roderick Agius (KI 535879M) ta' Block A3, Flat 11, Triq Pietru D'Armenia, Pembroke, ippreżenta Talba, fis-6 ta' April, 2016, fejn talab lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil George Portelli (KI 385589M) ta' 237, Triq il-Wied, Birkirkara, sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' €743.55, liema ammont huwa dovut lill-attur.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Avviż Nru 130/16AM) hija differita għall-25 ta' Novembru, 2016, fin-12.30p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum it-18 ta' Novembru, 2016.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 12th April 2016, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Roderick Agius (ID 535879M) of Block A3, Flat 11, Triq Pietru D'Armenia, Pembroke, filed a Claim on the 6th April, 2016, whereby he asked the Tribunal to condemn George Portelli (ID 385589M) of 237, Triq il-Wied, Birkirkara, to pay the plaintiff the sum of €743.55, which amount is due to the plaintiff.

With costs and interest.

The case (Claim Number 130/16AM) is deferred on the 25th November, 2016, at 12.30p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 18th November, 2016.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*